IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2012
COM(2012) 757 final

2012/0352 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fuq talba tal-Portugall, fis-17 ta' Mejju 2011, il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lill-Portugall (Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE) bħala appoġġ għal programm ekonomiku u ta' riforma ambizzjuż li għandu l-għan li jirrestawra l-kunfidenza, u b'hekk l-ekonomija terġa' tibda tikber b'mod sostenibbli filwaqt li titħares l-istabbiltà finanzjarja fil-Portugall, fiż-żona tal-euro u fl-UE.

F'konformità mal-Artikolu 3(10) tad-Deċiżjoni 2011/344/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-FMI u f'kooperazzjoni mal-BĊE, għamlet is-sitt analiżi biex tivvaluta l-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma kif ukoll l-effikaċja u l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom.

Filwaqt li tikkunsidra l-iżviluppi ekonomiċi, fiskali u finanzjarji u l-azzjonijiet ta' politika reċenti, il-Kummissjoni tqis li xi tibdiliet fil-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika, li fuqhom hija msejsa l-assistenza, huma meħtieġa sabiex jiżguraw l-għanijiet tal-programm, kif spjegat fil-premessi tal-emendi proposti għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

2012/0352 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 3(10) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 2011/344/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), wettqet is-sitt analiżi tal-progress tal-awtoritajiet fl-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma kif ukoll dwar l-effikaċja u l-impatt ekonomiku u soċjali tal-miżuri miftiehma.

(2) Wara tnaqqis qawwi ta' 3 % fl-2012 f'termini reali, l-attività ekonomika hija mistennija li tirkupra gradwalment mill-bidu tat-tieni nofs tal-2013 b'rati ta' tkabbir trimestrali li jirritornaw fuq in-naħa pożittiva. B'ħarsa 'l quddiem, l-irkupru ekonomiku huwa mistenni li jħaffef il-pass fl-2014 minkejja xi ostakli kontrih mll-konsum domestiku. Ir-riskji għall-prospettiva makroekonomika jixxaqilbu lejn tnaqqis. B'mod partikolari, deterjorament aktar qawwi milli kien mistenni fil-klima ekonomika f'xi pajjiżi taż-żona tal-euro se jkollu effetti ta' riperkussjoni fuq il-Portugall.

(3) Il-mira għal defiċit baġitarju ta' 5 % tal-PDG għall-2012 tibqa' valida, anke jekk hemm xi riskji. Filwaqt li l-eżekuzzjoni baġitarja fuq in-naħa tan-nefqa tibqa' taħt kontroll, id-dħul sa Ottubru kompla ma laħaqx il-miri diġà riveduti 'l isfel. Miżuri addizzjonali ta' ffrankar li jammontaw għal madwar 0.3 % tal-PDG qed jiġu implimentati biex jilħqu l-mira għad-defiċit, iżda hemm xi inċertezzi fir-rigward tar-rendiment finali tagħhom. Finalment, l-awtoritajiet tal-istatistika għadhom qed jivvalutaw jekk il-bejgħ tal-koncessjoni tal-ajruport (ANA), stmat 0.7 % tal-PDG, jistax jiġi ttrattat bħala operazzjoni ta' tnaqqis tad-defiċit.

(4) Il-liġi tal-baġit għall-2013, li ġiet adottata fis-27 ta' Novembru, tinkludi miżuri diskrezzjonarji ta' aktar minn 3 % tal-PDG biex tintlaħaq il-mira tad-defiċit ta' 4½ % tal-PDG fl-2013. Fuq in-naħa tan-nefqa, il-baġit jipprevedi tnaqqis imdaqqas fin-nefqa fuq il-pagi tas-settur pubbliku permezz ta' tnaqqis fl-impjiegi flimkien ma' tnaqqis fil-pagamenti tas-sahra u kumpensi oħra. Se jkunu approfonditi l-isforzi ta' razzjonalizzazzjoni fis-settur tas-saħħa, fl-Intrapriżi tal-Istat (SOEs), fl-Isħubiji Pubbliċi-Privati (PPPs), filwaqt li l-infiq

[1] ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

soċjali se jiġi razzjonalizzat aktar. Min-naħa tad-dħul, il-baġit jipprevedi riforma komprensiva tat-Taxxa fuq l-Introjtu Personali (PIT) li se tnaqqas l-għadd ta' faxex u żżid ir-rata tat-taxxa medja b'konformità mal-istandards Ewropej, filwaqt li tippreserva fil-progressività u taqta' mill-benefiċċji fiskali. Barra minn hekk, soprataxxa ta' 3.5 % hija imposta fuq il-parti tal-introjtu taxxabbli 'l fuq mill-paga minima u soprataxxa ta' solidarjetà ta' 2.5 % fuq l-introjtu tal-ogħla faxxa tat-taxxa u ta' 5 % fuq id-dħul ta' aktar minn EUR 250 000. Id-dħul mit-taxxa korporattiva qed jiżdied billi ġiet limitata d-deduċibbiltà tal-kostijiet tal-imgħax, tbaxxa l-limitu għall-applikazzjoni tal-ogħla rata fuq il-profitti u nbidlet il-metodoloġija għal prepagament speċjali lil kumpaniji taħt it-tassazzjoni ta' gruppi, fost oħrajn. Il-baġit jinkludi wkoll tibdiliet fit-tassazzjoni indiretta, partikolarment żieda fid-dazji tas-sisa fuq it-tabakk, l-alkoħol u l-gass naturali, twessigħ tal-bażi tat-tassazzjoni fuq il-proprjetà wara rivalwazzjoni tal-proprjetajiet u l-ħolqien ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji. Barra minn hekk, il-kontribuzzjonijiet soċjali se jiżdiedu billi dawn se jkunu imposti wkoll fuq ħlasijiet supplimentari għal impjegati pubbliċi u fuq benefiċċji tal-qgħad.

(5) Meta jitqiesu l-miżuri fil-baġit, iż-żidiet fid-dħul se jikkontribwixxu għal 80% tal-aġġustament fiskali fl-2013 filwaqt li l-20% li jifdal se jiġi minn tnaqqis fin-nefqa (wara li jiġi kkunsidrat l-effett tal-introduzzjoni mill-ġdid tat-13-il salarju fis-settur pubbliku u l-1.1 pensjonijiet ta' kull xahar, wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali). Fid-dawl tar-riskji assoċjati ma' aġġustament ibbażat b'mod qawwi fuq id-dħul, l-awtoritajiet qed iħejju miżuri ta' kontinġenza li jammontaw għal 0.5 % tal-PDG li se jiġu attivati jekk ir-riskji jimmaterjalizzaw ruħhom. Il-miżuri se jikkonsistu l-aktar f'iffrankar fin-nefqa, notevolment tnaqqis ulterjuri fl-ispejjeż fuq il-pagi, u se jiġu speċifikati aktar fil-bidu tal-2013 fil-ħin għas-seba' analiżi.

(6) Il-proċess ta' aġġustament baġitarju huwa mirfud minn sensiela ta' miżuri strutturali biex jitjieb il-kontroll fuq in-nefqa tal-gvern u jitjieb il-ġbir tad-dħul. B'mod partikolari, riforma komprensiva tal-qafas baġitarju hija prevista biex iġġibu konformi mal-aqwa prattiki fil-proċeduri u l-ġestjoni baġitarji. Is-sistema ġdida ta' kontroll tal-impenji qed tibda turi r-riżultati iżda l-implimentazzjoni trid tiġi mmonitorjata mill-qrib biex jiġi żgurat li l-impenji huma konformi mal-finanzjament. Ir-riformi fl-amministrazzjoni pubblika, li diġà wasslu għal iffrankar sinifikanti, se jkomplu. Ir-riformi ewlenin biex jirristrutturaw l-amministrazzjoni tad-dħul kważi tlestew u l-awtoritajiet qed iżidu l-monitoraġġ u jsaħħu l-konformità tad-dħul. In-negozjar mill-ġdid tal-PPPs beda u huwa pproġettat iffrankar sinifikanti għall-2013 u wara. Intrapriżi tal-istat huma mistennija li jilħqu bilanċ operazzjonali, bħala medja, sa tmiem is-sena. Riformi fis-settur tal-kura tas-saħħa qed jipproduċu ffrankar sinifikanti u l-implimentazzjoni qed tkompli b'mod ġeneralment konformi mal-miri.

(7) Analiżi komprensiva tan-nefqa bdiet bl-għan li żżid l-effiċjenza u l-ekwità tas-servizzi pubbliċi, filwaqt li jiġi ġġenerat iffrankar fl-infiq ta' madwar EUR 4 biljun jew 2.5 % tal-PDG. L-eżerċizzju għandu l-għan li jnaqqas is-sensji fil-funzjonijiet u entitajiet tas-settur pubbliku, u li jalloka mill-ġdid riżorsi lejn oqsma ta' nfiq li jiffavorixxu t-tkabbir. L-identifikazzjoni, il-kwantifikazzjoni u l-iskeda tal-implimentazzjoni tal-miżuri għandhom jiġu speċifikati sa Frar 2013. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2013 se jagħti aktar informazzjoni dwar pjan ta' konsolidazzjoni fiskali fuq medda ta' żmien medja.

(8) Skont il-projezzjonijiet attwali tal-Kummissjoni għat-tkabbir tal-PDG nominali (-1.0 % fl-2011, -2.3 % fl-2012, 0.3 % fl-2013 u 2 % fl-2014) u l-miri fiskali ta' 5 % tal-PDG fl-2012, 4½ % fl-2013 u 2½ % fl-2014, il-proporzjon tad-dejn mal-PDG huwa mistenni li jiżviluppa kif ġej: 108.1 % fl-2011, 120 % fl-2012, 122.2 % fl-2013 u 122.3 % fl-2014. Il-proporzjon tad-dejn mal-PDG se jistabbilizza mill-2012 'il quddiem u jitqiegħed fuq perkors 'l isfel wara l-2014, dejjem jekk ikun hemm progress ulterjuri fit-tnaqqis tad-defiċit. Id-dinamika

tad-dejn hija affetwata minn diversi operazzjonijiet barra mill-baġit, inkluż akkwiżizzjonijiet imdaqqsa ta' assi finanzjarji, b'mod partikolari għall-possibbiltà tar-rikapitalizzazzjoni bankarja u l-finanzjament tal-impriżi tal-istat u d-differenzi bejn il-pagamenti fi flus ta' imgħax dovut u mħallas.

(9) Eżerċizzju ta' żieda kapitali li jammonta għal EUR 8.2 biljun kważi tlesta u se jippermetti lill-banek parteċipanti li jilħqu l-bafers kapitali regolatorji tal-ABE kif ukoll il-mira tal-programm ta' 10 % tal-kapital ewlieni tal-Grad 1 għall-aħħar tas-sena Il-mira indikattiva ta' self għal depożitu ta' 120 % sal-2014 x'aktarx se tintlaħaq billi xi banek diġà qiegħdin taħt il-limitu f'dan l-istadju. L-isforzi biex jiġu ddiversifikati s-sorsi ta' finanzjament għas-settur korporattiv qegħdin jissaħħu. L-atti legali dwar ir-riżoluzzjoni bankarja inklużi pjanijiet ta' rkupru, banek tranżitorji u fond tar-riżoluzzjoni qegħdin jiġu ffinalizzati.

(10) Sar aktar progress fl-implimentazzjoni tar-riformi strutturali għat-tisħiħ tat-tkabbir u l-kompetittività. Minbarra t-tisħiħ tal-politiki tas-suq tax-xogħol attiv, l-awtoritajiet huma impenjati li jnaqqsu l-ħlasijiet relatati mas-sensji biex jippromwovu l-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol u l-ħolqien tal-impjiegi. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni għall-iskejjel sekondarji u t-taħriġ vokazzjonali b'mod ġenerali qed tavvanza kif skedat.

(11) It-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi bl-għan li jitnaqqsu l-ostakli għad-dħul u tingħata spinta lill-kompetizzjoni u l-attività ekonomika billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għal parteċipanti ġodda biex jidħlu fis-suq f'reġimi ekonomiċi differenti, għaddejja b'ritmu tajjeb. Proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji u piżijiet amministrattivi oħra wkoll qed jiġu semplifikati f'setturi ekonomiċi differenti bħalma huma l-ambjent u l-ippjanar territorjali, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-industrija, jew il-ġeoloġija. Qed titħejja Liġi Qafas sabiex jiġu stabbiliti l-prinċipji ġenerali tal-funzjonament tal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali (NRA) l-aktar importanti, inklużi billi jingħataw indipendenza u awtonomija b'saħħithom.

(12) Ir-riformi tas-sistema ġudizzjarja tkompli tavvanza skont l-iskeda miftiehma. Sar iktar progress fit-tnaqqis ta' każijiet pendenti u f'riformi usa' bħar-riorganizzazzjoni ġeografika tad-distretti tal-qrati u r-riforma tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

(13) Kull miżura meħtieġa minn din id-Deċiżjoni hija strumentali biex tiġi stabbilita mill-ġdid qagħda ekonomika u finanzjarja soda fil-Portugall u biex terġa' tiġi rrestawrata l-kapaċità tiegħu li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'7. Il-Portugall għandu jadotta l-miżuri li ġejjin matul l-2013, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet fil-Memorandum ta' Qbil:

(a) id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ma għandux jaqbeż l-4½% tal-PDG fl-2013. Il-baġit għall-2013 għandu jinkludi miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali permanenti li jammontaw għal tal-anqas 3 % tal-PDG bil-għan li jitnaqqas id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fi ħdan il-perjodu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 3. Il-Gvern Portugiż għandu jesplora modi kif iżid is-sehem tat-tnaqqis tan-nefqa fil-pakkett kumplessiv ta' konsolidazzjoni għall-2013 sabiex ikun żgurat aġġustament fiskali li

jiffavorixxi t-tkabbir fuq terminu medju ta' żmien li jxaqleb lejn in-naħa tan-nefqa. Fid-dawl ta' riskji fl-eżekuzzjoni baġitarja, il-Gvern Portugiż għandu jħejji miżuri ta' kontinġenza ta' 0.5 % tal-PDG sal-bidu tal-2013 li jiġu attivati f'każ ta' materjalizzazzjoni ta' dawn ir-riskji;

(b) il-baġit għall-2013 għandu jinkludi miżuri li jżidu d-dħul, partikolarment riforma fit-taxxa fuq l-introjtu personali li tissemplifika l-istruttura tat-taxxa, billi twessa' l-bażi tat-taxxa permezz tal-eliminazzjoni ta' xi benefiċċji fiskali u ż-żiediet fir-rata tat-taxxa medja, filwaqt li tiġi ppreservata l-progressività; twessigħ tal-bażi tat-taxxa fuq l-introjtu korporattiv; żieda fir-rata tat-taxxa fuq l-introjtu mill-investiment; żieda fid-dazji tas-sisa u bidliet fit-tassazzjoni rikorrenti fuq il-proprjetà;

(c) il-baġit għall-2013 għandu jinkludi miżuri għall-iffrankar min-nefqa, partikolarment razzjonalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-benefiċċji soċjali; tnaqqis fin-nefqa fuq il-pagi billi jitnaqqas il-persunal permanenti u dak temporanju u billi jonqos il-ħlas għas-sahra; razzjonalizzazzjoni tat-trasferimenti u s-sussidji soċjali pubbliċi u privati; tnaqqis fit-trasferimenti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali; u tnaqqis tan-nefqa kapitali u operazzjonali mill-SOEs;

(d) Il-Portugall għandu jkompli jimplimenta l-programm ta' privatizzazzjoni tiegħu.

(e) Il-Portugall għandu jiżviluppa linji gwida komuni għat-tbassir tad-dħul għall-gvernijiet sottonazzjonali;

(f) Il-Portugall għandu japprofondixxi l-użu ta' servizzi kondiviżi fl-amministrazzjoni pubblika;

(g) Il-Portugall għandu jnaqqas l-għadd ta' fergħat lokali ta' ministeri rilevanti (eż. taxxa, sigurtà soċjali, ġustizzja) billi jgħaqqadhom f'uffiċċji għaċ-ċittadini u jiżviluppa ulterjorment l-amministrazzjoni elettronika tul il-perjodu tal-programm;

(h) Il-Portugall għandu jkompli r-riorganizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tan-netwerk tal-isptarijiet permezz tal-ispeċjalizzazzjoni, il-konċentrazzjoni u t-tnaqqis ta' servizzi tal-isptar, il-ġestjoni konġunta u t-tħaddim konġunt ta' sptarijiet. Tiġi finalizzata l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni sa tmiem l-2013;

(i) Bl-appoġġ ta' esperti b'reputazzjoni internazzjonali u wara l-adozzjoni tal-emendi għall-Liġi Ġdida dwar il-Kera Urbana 6/2006 u d-Digriet Liġi li jissemplifika l-proċedura amministrattiva għar-rinnovazzjoni, il-Portugall għandu jwettaq reviżjoni komprensiva tal-funzjonament tas-suq tad-djar;

(j) Il-Portugall għandu jiżviluppa sistema mifruxa mal-pajjiż kollu ta' reġistrazzjoni tal-artijiet li tippermetti distribuzzjoni aktar ekwa tal-benefiċċji u l-kostijiet fl-eżekuzzjoni tal-ippjanar urban;

(k) Il-Portugall għandu jagħmel operazzjonali bis-sħiħ l-għodda maniġerjali biex janalizza, jimmonitorja u jivvaluta r-riżultati u l-impatti tal-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ u jistabbilixxi l-iskejjel professjonali ta' referenza;

(l) Il-Portugall għandu jlesti l-adozzjoni tal-emendi settorjali pendenti meħtieġa sabiex jimplimenta bis-sħiħ id-Direttiva dwar is-Servizzi;

(m) Il-Portugall għandu jimplimenta miżuri mmirati biex jintlaħaq tnaqqis kostanti fil-każijiet ta' infurzar pendenti bl-għan li jissolvew il-kawżi pendenti fil-qrati;

(n) Il-Portugall għandu jadotta Liġi Qafas dwar l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali ewlenin sabiex jiggarantixxi l-indipendenza sħiħa u l-awtonomija finanzjarja, amministrattiva u ta' ġestjoni tagħhom;

(o) Il-Portugall għandu jtejjeb l-ambjent kummerċjali billi jlesti ir-riformi pendenti dwar it-tnaqqis tal-piż amministrattiv [Punt ta' Kuntatt Uniku (PSC) previst fid-Direttiva dwar is-Servizzi u l-proġetti "Bla Ħtieġa ta' Awtorizzazzjoni"] u billi jwettaq semplifikazzjoni ulterjuri ta' proċeduri, regolamenti u piżijiet ammnistrattivi oħra eżistenti ta' ħruġ ta' liċenzji fl-ekonomija li huma ostaklu kbir għall-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi;

(p) Il-Portugall għandu jlesti r-riforma tal-leġiżlazzjoni tax-xogħol portwali u s-sistema ta' governanza tal-portijiet, inkluża r-reviżjoni totali tal-konċessjonijiet l-operat portwali;

(q) Il-Portugall għandu jimplimenta l-miżuri li jtejbu l-funzjonament tas-sistema tat-trasport;

(r) Il-Portugall għandu jimplimenta l-miżuri li jeliminaw id-dejn tariffarju tal-enerġija u jittrasponi bis-sħiħ it-Tielet Pakkett tal-Enerġija tal-UE."

______________________________

* ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

** ĠU L 255, 30.9.2005, p. 1.

*** ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1.

(2) Il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'9. Bil-għan li tiġi restawrata l-fiduċja fis-settur finanzjarju, il-Portugall għandu jirrikapitalizza b'mod adegwat is-settur bankarju tiegħu u jiżgura proċess ta' diżingranaġġ b'mod ordinat. F'dak ir-rigward, il-Portugall għandu jimplimenta l-istrateġija għas-settur bankarju Portugiż kif miftiehem mal-Kummissjoni, il-BĊE u l-FMI biex tiġi mħarsa l-istabbiltà finanzjarja. B'mod partikolari, il-Portugall għandu:

(a) jagħti pariri lill-banek biex jissaħħu l-bafers kollaterali tagħhom fuq bażi sostenibbli;

(b) jiżgura diżingranaġġ bilanċjat u ordinat tas-settur bankarju, li jibqa' kruċjali għall-eliminazzjoni permanenti ta' żbilanċi fil-finanzjamenti. Il-pjanijiet ta' finanzjament tal-banek għandhom l-għan li jnaqqsu l-proporzjon tas-self mad-depożiti għal valur indikattiv ta' madwar 120 % fl-2014 u li jnaqqsu d-dipendenza fuq il-finanzjament mill-Eurosistema fuq terminu medju ta' żmien. Dawk il-pjanijiet ta' finanzjament għandhom jiġu riveduti kull tliet xhur;

(c) jinkoraġġixxi d-diversifikazzjoni ta' alternattivi ta' finanzjament għas-settur korporattiv u, b'mod partikolari, l-SMEs permezz ta' sensiela ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali u l-assigurazzjoni fuq kreditu għall-esportazzjoni;

(d) ikompli jirrazzjonalizza il-grupp CGD tal-istat;

(e) jottimizza l-proċess għall-irkupru tal-assi trasferiti mill-BPN għat-tliet vetturi bi skop speċjali tal-istat permezz ta' esternalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-assi lil parti terza professjonali, b'mandat li gradwalment tirkupra l-assi maż-żmien. Il-gvern Portugiż għandu jagħżel il-parti li timmaniġġja l-krediti permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti u fil-mandat għandu jinkludi inċentivi adegwati biex jimmassimizza l-irkupri u

jimminimizza l-ispejjeż operazzjonali. Il-Gvern Portugiż għandu jiżgura t-trasferiment f'waqtu tas-sussidjarji u l-assi fiż-żewġ vetturi bi skop speċjali l-oħra tal-istat;

(f) abbażi tas-sett ta' proposti preliminari biex jinkoraġġixxu d-diversifikazzjoni tal-alternattivi ta' finanzjament ippreżentati għas-settur korporattiv, jiżviluppa u jimplimenta soluzzjonijiet li jipprovdu alternattivi ta' finanzjament għal kreditu bankarju tradizzjonali għas-settur korporattiv. Il-Gvern Portugiż għandu jivvaluta l-effikaċja ta' skemi ta' assigurazzjoni fuq kreditu għall-esportazzjoni sponsorjat mill-gvern bil-ħsieb li jittieħdu miżuri xierqa kompatibbli mal-liġi tal-UE li jippromwovu l-esportazzjonijiet;

(g) jiżgura l-arranġamenti ta' finanzjament inizjali u perjodiċi għall-Fond ta' Riżoluzzjoni f'żewġ stadji, l-ewwel bl-approvazjoni ta' digriet liġi dwar il-kontribuzzjonijiet tal-banek lill-Fond ta' Riżoluzzjoni, u t-tieni, bl-approvazzjoni ta' avviż superviżorju dwar il-kontribuzzjonijiet perjodiċi speċifiċi mill-banek; jadotta avviżi superviżorji dwar il-pjanijiet tar-riżoluzzjoni. L-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni tal-banek għandhom jagħtu prijorità lil dawk li huma ta' importanza sistemika;

(h) jimplimenta l-qafas għal istituzzjonijiet finanzjarji li jidħlu f'ristrutturar tad-dejn barra l-qorti għall-unitajiet domestiċi, jiffaċilta l-applikazzjoni għar-ristrutturar ta' dejn tal-kumpaniji u jimplimenta pjan ta' azzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar l-għodod ta' ristrutturar;

(i) jippreżenta lill-Parlament emendi għall-qafas legali li jirregola l-aċċess għall-kapital pubbliku biex jippermetti lill-Istat jeżerċita, taħt ċirkostanzi stretti u skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, kontroll fuq istituzzjoni u jwettaq rikapitalizzazzjonijiet mandatorji."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Portugall.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*